Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 17/2014AE

**Anthony Agius**

**Vs**

**Direttur Generali (Sigurta Socjali).**

L-Erbgha, 25 ta' Novembru 2015.

Il-kaz jitratta appell li r-rikorrent ippropona quddiem l-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) wara li l-intimat awtorizza l-hlas ghall-pensjoni kontributorja bir-rata ta' €144.05 fil-gimgha mit-8 ta' Settembru 2012 u €146.77 fil-gimgha mill-5 ta' Jannar 2013.

B'decizjoni tad-19 ta' Settembru 2014, l-Arbitru cahad l-appell wara li osserva:

*"Artikolu 52 tal-Kap. 318 jitratta dwar il-kundizzjoni biex wiehed jikkwalifika ghal pensjoni taz-zewg terzi. M'hemmx dubju u lanqas l-ebda dizgwid li l-appellant jikkwalifika ghall-pensjoni taz-zewg terzi in vista tal-fatt li hallas il-kontribuzzjonijiet tieghu skont il-ligi. Imbaghad l-Artikolu 53 ighid xi trid tkun hallset persuna bhala kontribuzzjonijiet biex tikkwalifika ghal pensjoni shiha. Fil-kaz in dizamina l-appellant ried ihallas ta' lanqas ghal 30 sena shah ta' kontribuzzjonijiet, haga li jidher li ghamel. Wara li persuna tkun ikkwalifikat ghal pensjoni shiha taht l-Artikoli 52 u 53 tal-Kap. 318, il-ligi tipprovdi skeda tlettax tal-istess Kap. 318 li tispjega kif ghandu jinhadem id-dhul pensjonabbli ta' individwu.*

*Fl-Artikolu 3(a) tat-Tlettax-il Skeda l-ligi tipprovdi illi:*

*'Fil-kaz ta' persuna –*

*(a) imwielda fil-31 ta' Dicembru 1951 jew qabel li ghandha titqies bhala persuna li tahdem ghaliha nnifisha, il-medja fis-sena tad-dhul nett taghha li dwarha l-kontribuzzjoni dovuta tkun thallset matul l-ahhar ghaxar snin kalendarji, jew parti minnhom jekk hi ma kinitx thadem ghaliha nnifisha gha-zmien kollu msemmi ta' ghaxar snin minnufih qabel ma tirtira jew issir invalida skond dan l-Att, kif ikun il-kaz'.*

*Hawnhekk il-ligi ma titkellimx fuq medja ta' ghaxar snin izda fuq medja fis-sena tad-dhul nett taghha matul l-ahhar ghaxar snin kalendarji li tkun hadmet dik il-persuna.*

*L-appellant jaghmel riferenza ghall-artikolu 5(a) u l-proviso tieghu u jghid li f'dan il-kaz il-ligi ma tghidx id-dhul pensjonabbli ghandu jinhadem fuq kull sena ghall-ahhar ghaxar snin.*

*Br-rispett kollu l-Arbitru jara li l-Artikolu 5(a) jitratta biss il-capping li taghmel il-ligi wara li d-dhul pensjonabbli, fil-kaz in dizamina jkun sar taht l-artikolu 3(a) tat-Tlettax-il Skeda. U dan l-artikolu jaghmilha cara li d-dhul pensjonabbli jrid jinhadem fuq il-medja fis-sena tad-dhul nett fuq il-perjodu tal-ahhar ghaxar snin minnufih qabel ma dik il-persuna tirtira jew issir invalida".*

Ir-rikorrent appella mid-decizjoni tal-Arbitru u ddikjara li l-kontestazzjoni tieghu hi li:

*".... l-pensjoni hija mahduma b'mod erronju stante illi huwa qieghed jikkontesta li l-ammont ta' pensjoni tieghu minhabba li din ghandha tkun il-massimu u cioe' €223.98 fil-gimgha stante illi huwa dejjem hallas il-kontribuzzjoni full u l-mejda tad-dhul pensjonabbli tieghu tal-ahhar (10) snin u cioe mill-2002 sal-2100 jaqbez il-massimu tad-dhul pensjonabbl stabbilit mil-ligi u cioe' €17,470.30 kif spjegat quddiem l-Arbitru u kif ser jigi spjega iktar 'il quddiem".*

Ir-rikorrent kompla jghid li:

- Hu ntitolat ghall-pensjoni ta' zewg terzi b'applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-Kap. 318;
- Fil-kaz tieghu japplikaw l-Artikolu 3(a) u l-proviso tal-Artikolu 5(a) tat-Tlettax-il Skeda tal-istess Att;
- Id-dhul nett tieghu tal-ahhar ghaxar snin kien ta' €363,852 u l-medja fuq ghaxar snin hi ta' €36,385.28. Ladarba din ic-cifra taqbez l-ammont stabbilit mil-ligi bhala l-massimu ta' dhul pensjonabbli, id-dhul pensjonabbli hu ta' €17,470.30 (Artikolu 5(a) tat-Tlettax-il Skeda);
- Fejn il-ligi riedet li l-intimat jiehu in konsiderazzjoni d-dhul nett fis-sena ghal kull sena kalendarja, tipprovdi espressament. F'dan ir-rigward ghamel riferenza ghall-Artikolu 4 tat-Tlettax-il Skeda. Min-naha l-ohra fil-kaz tal-Artikolu 5(a), il-ligi ma tipprovdix li ghandu jittiehed id-dhul pensjonabli ghal 'kull sena kalendarja';
- Skond il-kalkoli li ghamel l-appellant, ghandu dritt jircievi s-somma ta' €223.98 fil-gimgha bhala pensjoni[1].

Fis-17 ta' Novembru 2014 (fol. 7) l-intimat ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

Il-qorti rat l-atti u tosserva:-

1. Mill-atti jidher li inizjalment l-intimat kien ikkalkola l-pensjoni li kellha tithallas lir-rikorrent fis-somma ta' €144.05 fil-gimgha mit-8 ta'

[1] €17,470.30 x 2/3 = €11,646.87/52 gimgha = €223.98.

Settembru 2012 u €146.77 fil-gimgha mil-5 ta' Jannar 2013. Pero f'email datata 18 ta' Settembru 2012 li l-qorti qeghda tifhem li ntbaghatet minn ufficjal tad-Dipartiment, jinghad li l-pensjoni kellha tkun ta' **€189.35 fil-gimgha** [2]. Imbaghad f'ittra datata 11 ta' Novembru 2013 id-Dipartiment iddikjara li l-pensjoni kellha tkun ta' **€151.30 fil-gimgha**. Jirrizulta li fl-10 ta' Marzu 2014 id-Dipartiment rega' kkalkola l-pensjoni li r-rikorrent kien intitolat li jircievi u kkonkluda li din kellha tkun ta' €189.35. Posizzjoni li jidher li ghadu qieghed izomm sal-lum kif jirrizulta mit-twegiba li pprezenta quddiem l-Arbitru, datata 17 ta' April 2014.

2. M'huwiex kontestat li r-rikorrenti ghandu jedd li jircievi pensjoni taz-zewg terzi. Fil-fatt fit-twegiba l-intimata ddikjara: *"... meta wiehed jara l-kontribuzzjonijiet tal-appellant, huwa car li ssodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jikkwalifika ghal Pensjoni ta' Zewg Terzi. Skond l-Artikolu 53(1) tal-Att dwr is-Sigurta Socjali, ir-rata shiha tal-Pensjoni ta' Zewg Terzi ghandha tkun ta' zewg terzi tad-dhul pensjonabbli tal-persuna assigurata li tkun hallset jew giet akkreditata b'medja fis-sena ta' hamsin kontribuzzjoni tul perjodu ta' tletin sena fil-kaz ta' persuna mwielda fil-31 ta' Dicembru 1951 jew qabel"*.

3. Jirrizulta li l-appellant twieled qabel il-31 ta' Dicembru 1951 u kien *self-employed*.

4. It-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) tipprovdi kif jinhadem id-dhul pensjonabbli. Paragrafu 3(a) jipprovdi kif jigi kalkolat id-dhul pensjonabbli ta' persuna:

   *"imwielda fil-31 ta' Diċembru 1951 jew qabel li għandha titqies bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha, **il-medja fis-sena**[3] **tad-dħul nett** tagħha li dwarha l-kontribuzzjoni dovuta tkun tħallset **matul l-aħħar għaxar snin kalendarji**, jew parti minnhom jekk hi ma kenitx taħdem għaliha nnifisha għaż-żmien kollu msemmi ta' għaxar snin minnufih qabel ma tirtira jew issir invalida skont dan l-Att, kif ikun il-każ"*.

   Imbaghad skond paragrafu 5(a) tal-Iskeda Tlettax tal-Kap. 318:-

   *"Għall-finijiet ta' dan l-Att, fil-każ ta' persuna mwielda fil-31 ta' Diċembru 1961 jew qabel, li tirtira fl-1 ta' Jannar 2007 jew wara, il-paga bażika jew is-salarju bażiku jew **id-dħul nett** jew il-qligħ nett kif ikun il-każ, u d-dħul pensjonabbli li jirriżulta jew kull ammont li jiġi sostitwit għalih taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att **<u>m'għandhomx</u>***

[2] Il-qorti tistqarr li f'din l-email hu evidenti li hemm zbalji fic-cifri, in kwantu d-dhul pensjonabbli gie ddikjarat li hu ta' €17,769.72 meta t-total tad-dhul gie ddikjarat li hu €147,697 matul is-snin 2002 sal-2011. Jekk id-dhul matul perjodu ta' 10 snin kien ta' €147,698, id-dhul pensjonabbli kien ta' €14,769.

[3] Fit-test Ingliz *'the yearly average'*.

***ikunu iżjed minn €16,207.78*** *li magħhom tiżdied dik is-somma li l-Gvern jista' jagħti bħala żieda għall-għoli tal-ħajja, fir-rata tal-Paga Minima Nazzjonali li titħallas lil persuni li jkunu għalqu l-età ta' tmintax-il sena jew li jkunu ta' età akbar taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, ……..*

*Iżda fil-każ ta' persuna mwielda fil-31 ta' Diċembru 1951 jew qabel, id-dħul pensjonabbli li jirriżulta inkluża kull żieda għall-għoli tal-ħajja bħal dik m'għandhiex tkun iżjed mill-ammont ta' €17,470.30"* (enfazi tal-qorti).

Ir-rikorrent argumenta li d-dhul pensjonabbli kellu jigi kkalkolat:-

*"10…. Tghodd id-dhul nett dikjarat mill-esponenti mis-sena 2002 sas-sena 2011 (l-ahhar ghaxar snin) fejn l-ammont globali huwa ta' €363,852 u l-medja fuq ghaxar snin allura hija dik ta' €36,385.28 (€363,852/10)"* (fol. 3).

B'hekk ir-rikorrent qieghed jirraguna li ladarba skond il-kalkoli tieghu l-medja tad-dhul matul l-ahhar ghaxar snin ta' €36,385.28, allura d-dhul pensjonabbli hu ta' €17,470.3. Dan huwa l-massimu li tikkontempa l-ligi.

Pero' bil-mod li qieghed jirraguna l-appellant hu evidenti li skarta ghal kollox dak li jipprovdi l-paragrafu 5(a) ta' Skeda Tlettax. **Il-ligi tistabbilixxi dhul massimu fis-sena li fuqha ghandha tigi kkalkolata**. Ghalkemm per ezempju fis-sena 2008 id-dhul tar-rikorrent kien ta' €46,163 u fl-2009 €84,136[4], dawn ic-cifri m'humiex rilevanti ghal finijiet ta' kalkoli ghaliex jaqbzu l-massimu ta' dhul kontemplat fil-paragrafu 5(a) tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 318.

Ovvjament fejn ghal sena partikolari r-rikorrent ma jkunx lehaq id-dhul massimu[5], allura ghal dik is-sena partikolari l-kakoli jsiru fuq id-dhul effettiv li ghamel.

5. Ir-riferenza li ghamel ir-rikorrent ghall-paragrafu (4) tat-Tlettax-il Skeda hu rrilevanti ghaliex ma japplikax ghall-kaz in ezami.

6. Fir-rikors tal-appell saret ukoll riferenza ghal dak li r-rikorrent qal li jinghad fil-*website* tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Il-kawzi ma jigux decizi fuq informazzjoni generali li hemm fuq il-website tad-Dipartiment izda fuq dak li tghid il-ligi.

---

[4] Ara prospett fl-atti tal-appell li sar quddiem l-Arbitru.

[5] Fil-kaz tar-rikorrent ezempju fiss-ena 2005, 2008 u 2010.

7. Gialadarba l-qorti ma taqbilx mal-kalkoli li ghamel l-appellant ghal dak li jikkoncerna d-dhul pensjonabbli, u dan ghaliex ma jirriflettux dak li tghid il-ligi, l-appell ser jigi michud.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.